MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 30/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Raymond Buhagiar u Filomena Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta’ Jannar 2011 li permezz tiegħu l-bank attur ppremetta:

1. Illi in forza ta’ bejgħ in Subbasta numru 80/01 miżmum taħt l-Awtorita’ ta’ Din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta’ Jannar 2003 ġie liberat għaf-favur tas-soċjeta’ attriċi t-*terraced house* bl-isem “Raymen” bil-garaxx anness magħha, numru sittax (16) u sbatax (17) rispettivament fi Triq is-Siġġiewi, Ħaż Żebbuġ, Malta bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluża l-arja libera tagħhom,

kif aħjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok "A";

2. Illi, għalhekk illum il-konvenuti qed jokkupaw dan il-fondi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Illi, l-attur jaf personalment illi saret il-liberazzjoni favur tiegħu tal-fond indikat fid-dokument "A" hawn anness.

4. Illi, l-konvenuti ġew interpellati sabiex jiżgombraw mill-imsemmija fondi u dan permezz ta' ittra datata 29 ta' Ottubru 2004 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok "B", iżda dawn baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjoni neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi li qegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw it-*terraced house* bl-isem "Raymen" bil-garaxx anness magħha, numru sittax (16) u sbatax (17) rispettivament fi Triq is-Siġġiewi, Ħaż Żebbuġ, Malta, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluża l-arja libera tagħhom, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

(2) Tordna illi in konsegwenza, l-istess konvenut, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jiżgombraw it-*terraced house* bl-isem "Raymen" bil-garaxx anness magħha, numru sittax (16) u sbatax (17) rispettivament fi Triq is-Siġġiewi, Ħaż Żebbuġ, Malta, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluża l-arja libera tagħhom mingħajr u jħallu l-istess immobbli liberi u battala favur is-soċjeta' attriċi.

(3) Bl-ispejjeż u bir-riżerva għall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' attriċi kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Bank attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, ppreżentata fil-11 ta' April 2011, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi preliminarjament is-soċjeta' rikorrenti kienet tat il-kunsens tagħha li l-intimat jgħixu fil-proprjeta' suġġett ta' din il-kawża, li kienet ir-residenza taħhom qabel is-subbasta in kwistjoni;

2. Illi bla preġudizzju tas-suespost l-partijiet kienu qed jiddiskutu l-possibbilta' li l-intimati jerġgħu jixtru l-proprjeta' in kwistjoni; anke wara li ġiet intavolata l-ittra uffiċjali;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi huwa evidenti anke mir-risposta ġuramentata li l-konvenuti m'għandhom ebda titolu biex jokkupaw il-fond in kwistjoni, u għalhekk il-kawża ma fiha ebda diffikolta għall-Qorti;

Illi l-provi mressqa mill-bank attur ma ġewx ribattuti u għalhekk jirriżultaw it-talbiet kollha tiegħu;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi. Għall-fini tat-tieni talba l-Qorti qed tipprefiġġi terminu ta' xahrejn.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------